



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta' Marzu 2012 (10.04)
(OR. en)**

8149/12

**PROCIV 47
JAI 198
ENV 238
DEVGEN 74
COHAFA 35
COTER 23
FORETS 25**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Coreper/Kunsill
Nru dok. preċ.	5885/2/12 REV2
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-protezzjoni ċivili permezz tat-tagħlimiet miksuba - Adozzjoni

1. Wara l-workshop tal-Presidenza dwar it-titjib tal-protezzjoni ċivili permezz tat-tagħlimiet miksuba li sar f'Kopenhagen, id-Danimarka, mis-16 sat-18 ta' Jannar 2012¹, il-Presidenza fasslet sett ta' abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-protezzjoni ċivili permezz tat-tagħlimiet miksuba.
2. Dan l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill ġie eżaminat mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili fit-28 ta' Frar u t-23 ta' Marzu 2012. F'din il-laqgħa, il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar it-test kif jinsab fl-Anness.
3. Fuq din il-bażi, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill jadotta l-konklużjonijiet li jinsabu fl-Anness bħala punt "A" fl-aġenda.

¹ 5761/12.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-protezzjoni ċivili permezz tat-tagħlimiet miksuba

- 1. Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2007** li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid)², u b'mod partikolari l-Artikolu 5(7) tagħha, li jagħti l-kompitu lill-Kummissjoni li "tistabbilixxi programm ta' tagħlimiet meħuda mill-interventi li jkunu saru fil-qafas tal-Mekkaniżmu u xxerred dawn it-tagħlimiet permezz tas-sistema tal-informazzjoni";
- 2. Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2007** li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili li hu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2013³ u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(i) tagħha, li jipprevedi "stabbiliment ta' programm ta' tagħlimiet miksuba minn interventi u eżerċizzji fil-kuntest tal-Mekkaniżmu";
- 3. Filwaqt li jirrikonoxxi** li l-programm ta' tagħlimiet miksuba hu pedament fir-rwol tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili ta' faċilitazzjoni ta' kooperazzjoni msaħħa fl-azzjoni tal-protezzjoni ċivili biex tissalva l-ħajja ta' persuni u jiġu protetti l-ambjent, il-proprietà u l-wirt kulturali, u li ta' min jiġi żviluppat aktar fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;
- 4. Filwaqt li jirrikonoxxi** li l-integrazzjoni sistematika, iffukata u koerenti tal-esperjenza tal-passat ġewwa jew barra l-Unjoni Ewropea bħala parti mill-kooperazzjoni tal-protezzjoni ċivili tal-UE tiżgura ġestjoni Ewropea għad-diżastri aktar effettiva, effiċjenti u koerenti u tgħin biex tiżgura li l-Mekkaniżmu jibqa' strument dinamiku u rilevanti fil-futur;
- 5. Filwaqt li jirrikonoxxi** l-importanza tal-involviment tal-partijiet interessati sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tat-tagħlimiet miksuba mir-rispons Ewropew għad-diżastri u filwaqt li jirrikonoxxi r-responsabbiltà konġunta u b'impenn f'dan ir-rigward;

² ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.

³ ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9.

6. **Filwaqt li jenfasizza** l-importanza li tiġi indirizzata regolarment l-implimentazzjoni tal-programm ta' taġħlimiet miksuba tal-Mekkaniżmu fil-livell politiku;
7. **Filwaqt li jindika** li l-programm eżistenti ta' taġħlimiet miksuba jista' jissaħħa aktar bl-iżvilupp ta' metodi u għodod prattiċi u faċli għall-utent li jistgħu jiġu applikati fil-proċess kollu tal-ġbir, l-analiżi, it-tixrid u l-implimentazzjoni tat-taġħlimiet miksuba u waqt li jinnota li t-taġħlimiet miksuba mid-diżastri huwa għarfien rilevanti għal firxa wiesgħa ta' partijiet interessati li jaġixxu fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri;
8. **Filwaqt li jħeġġeġ** lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jaġhmlu użu adatt mill-programmi finanzjarji tal-UE sabiex jimplimentaw il-proposti segwenti, mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-qafas finanzjarju futur;
9. **Filwaqt li jtenni** li r-responsabbiltà għall-protezzjoni taċ-ċittadini tappartjeni lill-Istati Membri, filwaqt li l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea għandhom l-għan li jappoġġaw u jikkomplementaw l-azzjonijiet taġħhom; u li l-azzjonijiet tal-Unjoni jippromwovu l-kooperazzjoni operazzjonali rapida u effettiva fl-Unjoni bejn servizzi nazzjonali ta' protezzjoni ċivili;

- 10. Filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008** li jappellaw għat-titjib tal-kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili b'sistema ta' assistenza reċiproka Ewropea li tibni fuq l-approċċ modulari tal-protezzjoni ċivili⁴; **fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008** dwar it-taħriġ Ewropew għall-ġestjoni tad-diżastri⁵; **il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009** dwar qafas Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri fl-UE⁶; **il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2010** dwar l-użu ta' Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili f'avvenimenti maġġuri fl-Unjoni Ewropea⁷; **fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2010** dwar l-Appoġġ tan-Nazzjon Ospitanti⁸; **fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2011** dwar l-Immaniġġar Integrat tal-Għargħar fl-Unjoni Ewropea⁹, u **il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011** dwar approċċ integrat għal komunikazzjoni aktar effettiva tar-riskji, tal-emerġenzi u tal-kriżijiet¹⁰;
- 11. Filwaqt li jieħu nota ta' "Il-Qafas ta' Kopenhagen** dwar it-tagħlimiet miksuba" [traduzzjoni mhux uffiċjali]¹¹, sommarju tal-workshop tal-Presidenza dwar it-titjib tal-protezzjoni ċivili permezz tat-tagħlimiet miksuba li sar f'Kopenhagen, id-Danimarka, mis-16 sat-18 ta' Jannar 2012,

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- 12. Jappella lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni**, fil-qafas tal-Mekkaniżmu, biex jieħdu passi biex jiżviluppaw approċċ sistematiku għall-ġbir u l-kompilazzjoni ta' data u informazzjoni minn interventi u eżerċizzji tal-protezzjoni ċivili li jkopru ċ-ċiklu sħiħ ta' ġestjoni tad-diżastri (attivitajiet għall-prevenzjoni, l-istat ta' preparazzjoni u r-rispons), sabiex jipprovdu bażi komprensiva u adegwata għall-evalwazzjoni;

⁴ 15653/08, paragrafu 15(e).

⁵ 15520/08, paragrafu 17.

⁶ 15394/09, paragrafu 30(i).

⁷ 9837/10, paragrafu 15(c).

⁸ 15874/10, paragrafu 14(c).

⁹ 9241/11, paragrafu 22(q).

¹⁰ 17122/11, paragrafi 18 (h) u 19 (a).

¹¹ 5761/12.

13. Jappella lill-Istati Membri, fil-qafas tal-Mekkaniżmu, biex:

- (a) ikomplu jidentifikaw u jiżviluppaw metodi ta' analiżi ta' data u informazzjoni minn interventi u eżerċizzji ta' protezzjoni ċivili, bl-għan li jindikaw l-aħjar Prattika kif ukoll l-oqsma fejn għad irid isir titjib, u jissuġġerixxu azzjoni rilevanti ta' segwitu akkumpanjata minn responsabbiltajiet u skedi ta' żmien;
- (b) jiffaċilitaw il-kuntatti reċiproċi bejn il-partiċipanti tal-protezzjoni ċivili u jinkoraġġixxu b'mod attiv il-kondiviżjoni ta' għarfien u taġġlimiet miksuba fost il-partijiet interessati rilevanti;
- (c) jippromwovu l-implimentazzjoni ta' taġġlimiet miksuba sabiex jiżguraw pedament solidu u bbażat fuq l-esperjenza għall-iżvilupp ta' attivitajiet fiċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri;
- (d) jinnominaw kif adatt punt ċentrali ta' taġġlimiet miksuba f'kull Stat Membru f'konformità mal-kompiti li għandhom jiġu deskritti fil-linji gwida msemmijin fil-paragrafu 14 (a).

14. Jappella lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-Mekkaniżmu, biex:

- (a) tiżviluppa linji gwida prattiċi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għal metodi, għodod u responsabbiltajiet għall-proċess ta' taġġlimiet miksuba, biex jintużaw u jiġu implimentati b'mod Prattiku fil-livell nazzjonali u Ewropew, b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-input ippreżentat fi "Il-Qafas ta' Kopenhagen dwar it-taġġlimiet miksuba";
- (b) tappoġġa lill-Istati Membri fl-analiżi tat-taġġlimiet miksuba, bil-promozzjoni ta' djalogu u skambju ta' Prattiki nazzjonali, billi tipprovdi ħila esperta dwar is-suġġett, u filwaqt li tiegħu kont tat-taġġlim tematiku meħud wara diversi interventi u/jew eżerċizzji ta' protezzjoni ċivili;
- (c) tħejji, flimkien mal-Istati Membri, rapport annwali dwar it-taġġlim identifikat minn interventi u eżerċizzji ta' protezzjoni ċivili u tqis rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħhom;

- (d) tiżgura t-tqassim tar-rapporti rilevanti kollha dwar it-tagħlimiet miksuba lill-punti ċentrali għat-tagħlim u l-awtoritajiet għall-protezzjoni ċivili tal-Istati Membri;
 - (e) flimkien mal-Istati Membri, toħloq u żżomm deskrizzjoni ġenerali tal-istat ta' implimentazzjoni tat-tagħlimiet miksuba;
 - (f) tirrapporta b'mod regolari lill-Istati Membri fil-livelli adatt kollha dwar l-implimentazzjoni tat-tagħlimiet miksuba;
 - (g) tiżgura, f'konformità mal-proċeduri applikabbli, li r-riżultati tal-programm ta' tagħlimiet miksuba jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' prioritajiet ta' finanzjament, pereżempju, taħt l-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili u programmi ta' finanzjament eżistenti jew futuri oħrajn tal-UE.
-